MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Numru 149/2005

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Marlon Bugeja ta’ 28 sena iben Godfrey u Rita nee’ Azzopardi mwieled Pieta fl-10 ta’ Mejju 1977 u residenti 91 ‘Caroline’ New Street Luqa u detentur ta’ passaport bin-numru 79947655 u bil-karta ta’ l-identita’ bin-numru 312277(M).

Akkużat talli fil-lejl ta’ bejn il-5 u 6 ta’ Gunju 2006 ġewwa dawn il-Gżejjer, ttraffika, biegħ, qassam jew offra li jitraffika, jbiegħ jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) mingħajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, ħin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tiegħu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) mingħajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-

Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kap 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina instabet f’tali cirkostanzi li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni ta’ l-Avukat Ġenerali tas-7 ta’ Ġunju 2005 a fol 4;  l-istqarrija ta’ l-imputat li tidher a fol 5 sa 8;  l-esebit li jidher fid-dokument numru 3;  ir-risposta li kien ta l-imputat fis-7 ta’ Ġunju 2005 fejn hu qal li mhux ħati;  l-esebiti li kienu preżentati mill-ispettur Nadia Lanzon fejn kien hemm LM50 kif wkoll 8 pilloli extacy;  il-ħatra minn din il-Qorti ta’ l-espert Godwin Sammut sabiex jagħmel analiżi ta’ l-esebit;  ir-rapport imħejji mill-espert Godwin Sammut  li jidher a fol 44 et;  il-ħatra ta’ Dr. Cutajar biex jagħmel it-traduzzjonijiet meħtieġa;  ir-referenzi dwar l-imputat li jidhru a fol 116 et;  id-dokument AC li jidher a fol 124;  ir-rapport imħejji minn Chantelle Aquilina, Probation Officer u n-nota ta’ sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Il-fatti kif jirriżultaw mix-xhieda ta’ l-ispettur Nadia Lanzon huma dawn.

PC 396 Baldacchino kien waqt party ġewwa Paradise Bay meta ra tfajla tersaq lejn l-imputat.  Din it-tfajla kellha xi flus u l-imputat kien qed jagħmel xi movimenti li kien qisu ser jgħaddilha xi affarijiet. Dak il-hin stess PC 396 mar fuq Marlon Bugeja u għamel tfittxija fuqu fejn instabu 8 pilloli extacy kif wkoll is-somma ta’ Lm50.

<u>L-istqarrija ta’ l-imputat</u>

Din saret fis-6 ta' Ġunju 2005 fl-4.38pm. Minn din l-istqarrija jirriżulta li l-imputat f'Malta kellha żewġ nanniet u xi zijiet. U kien Malta għal vaganza għaliex in-nannu ma kienx tajjeb. F'dan iż-żmien kien hawn ommu wkoll. Huwa qal li ma kellu ebda problema ta' drogi. Fil-passat gieli kien ipejjep ir-reżina tal-cannabis u dan kien sentejn qabel meta kien ġewwa Londra. Dwar l-extacy pills huwa qal li kien ha xi pillola 4 ġimgħat qabel f'Londra meta kien ma ħabib.

L-imputat stqarr ukoll illi l-extacy tablets li kienu qabdu l-pulizija kienu tiegħu u kien xtrahom mingħand wieħed waqt festa f'Tal Pieta' is-Sibt ta' qabel. Huwa kien xtara 25 pillola u ħallas LM3 il-waħda.

A fol 7 fl-istess stqarrija, l-imputat stqarr illi l-25 pillola kien qasamhom bejn ħamsa u waqt li kien fil-party imsemmi kellu madwar 14 b'kollox. Huwa qal li kienu marru fuqu xi nies u kien biegħlhom għalkemm oriġinarjament l-intenzjoni kienet li jżomm il-pilloli għalih. Huwa kien biegħhom LM4 jew LM5. Din kienet l-ewwel darba li biegħ id-drogi.

Dwar il-LM50 misjuba mill-pulizija, huwa qal li bejn LM25 u Lm26 kienu flus mill-pilloli. Huwa ma kienx talab flus iżda dawn kollha kienu tawh il-flus. Huwa qal li ma kienx hemm intenzjoni li dawn il-pilloli jinbiegħu.

Xehed ukoll PC 396 Saviour Baldacchino li qal li waqt il-party f'Paradise Bay huwa kien ma xi nies oħra. Huwa kien għamel xi ħin josserva lill-imputat li għaraf fl-awla u li rah ikellem xi persuna li kellha xi flus f'idejha u x'ħin kien ser isir id-deal mar fuqu u qabdu red handed. Huwa sablu 8 pilloli extacy gewwa borża li dak il-ħin ma ammettiex li huma tiegħu. Id-deal kien bejgħ ta' droga. U t-8 pilloli instabu fuq il-persuna ta' l-imputat. Hu kien qiegħed f'passagg bil-qegħda fejn kien waħdu (fol 33). Huma kienu sabu d-droga fuq l-imputat. Dan ix-xhud kien flimkien ma PC 1116. Huma kienu wkoll sabu xi flus fil-but ta' l-imputat. Kien hemm waħda rrumblata u waħda mgħaffġa u waħda mitwija.

Fil-kontro eżami dan ix-xhud kkonferma li n-numru ta' pilloli misjuba fuq l-imputat kienu 8. Ix-xhud qal ukoll illi dak il-hin l-imputat ma kienx waħdu għax kien hemm xi ġuvintur oħra. Kien dan ix-xhud li arresta lill-imputat. L-imputat kien jifhem bil-Malti iżda huwa pprefera li jitkellem bl-Ingliż.

Xehed Godwin Sammut l-espert maħtur mill-Qorti u ppreżenta ir-relazzjoni tiegħu u kkonkluda li kien hemm 8 pilloli extacy (fol 49 tar-relazzjoni).

Xehed ukoll PC 1116 Timothy Zammit li kien preżenti waqt il-party u kienu nntawh meta resqet lejh tfajla b'xi ħaġa f'idejha. Din kellha l-flus u PC 396 żamm id Marlon Bugeja u fil-ponn ta' idu sablu xi pilloli (fol 70). Fil-kontro eżami dan ix-xhud qal li dak inhar kellu dan il-każ biss. Huwa qal li PS 914 kien mar fuq biċċa xogħol oħra. Fil-kontro eżami kkonferma dan ix-xhud li kien ma PC 396 matul il-każ kollu. PC 396 kien mar fuq Marlon Bugeja waqt li dan ix-xhud kien mar fuq it-tfajla li kienu t-tnejn fejn xulxin. Kien dan ix-xhud li żamm id it-tfajla biex ma tarmix dak li kellha f'idejha. Din rriżulta li kellha karta ta' LM5. PC 396 kien żamm id l-imputat.

<u>Xhieda difiża</u>

Xehed l-imputat Marlon Bugeja li kkonferma li l-ID card tiegħu hija 312277M. Huwa qal li kien twieled f'Malta fl-1977. Ommu u missieru kienu marru Londra u hu għex ħajtu kollha Londra. Kien jiġi Malta biss għal vaganza biex jara lil qrabatu. Hu spjega li kien mar festa ġewwa Ta' Pieta' u żewġ Maltin kienu staqsewhom riedux jixtru xi extacy. Huma kienu xtraw dawn l-extacy għall-użu personali tagħhom. Kien hu li ħallas imma kienu ġabru l-flus flimkien. Huwa kien pprova jmur jiltaqa' mal-persuna li kienet tagħtu l-pilloli biex ikun jista' jgħarraf lill-ispettura iżda ma rnexxilux jiltaqa' miegħu. Huwa kien qal li kien xtara madwar 20 pillola u l-Qorti ġibditlu l-attenzjoni illi skond l-istatement kien hemm 25. Huwa qal li kien żamm il-borża kollha hu u hu kien qed jagħti lil sħabu (fol 103). Hu fil-fatt kien qed jixxerja ma sħabu. Il-Qorti imbgħad qratlu l-istqarrija li kien għamel lill-pulizija kif jidher minn

fol 105 sa 107 u a fol 107 huwa qal li l-flus kienu ta’ sħabu għaliex huma kellhom jagħtuh il-flus. Ghalkemm hu oriġinarjament kien ħallas għalihom. U hawn kkonferma l-istqarrija bil-ġurament. Huwa wkoll esebixxa xi referenzi dwar il-jobs illi kien jagħmel.

Fil-kontro eżami huwa qal li meta kien qiegħed fil-party kien hemm xi ħbieb u kellhom ħbieb oħra u huma riedu l-ectasy u kien tahomlhom mhux minħabba li kellu xi interess fil-flus. Iżda huma xorta insistew u tawh il-flus. U wieħed minnhom saħansitra poġġa l-flus fil-bwiet ta’ l-imputat (fol 110).

Fil-kontro eżami il-prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni ta’ l-imputat illi fl-istatement kien qal illi kien avviċinat minn 4 żgħażagħ u staqsewh jekk kienux interessati li jixtru xi pilloli u l-imputat kien xtara 25 pillola. Fl-istatement huwa qal li ma kienx jaf min kienu in-nies li kien bgħelhom l-extacy. Hu spjega li dawn kienu ħbieb tal-grupp li kien magħhom. L-imputat ma setax jiftakar meta sħabu kienu ħallsuh tal-pilloli (fol 114). Il-prosekuzzjoni ġibdet l-attenzjoni ta’ l-imputat ukoll li waqt li fl-istatement kien qal li ma kienx ħa pilloli, issa kien qed jgħid li dak inhar kien ħa (fol 114). Huwa wkoll wieġeb li ħadd ma kien sfurzah biex jagħti dawn il-pilloli waqt il-party (fol 114). Il-prosekuzzjoni staqsietu liema kien korrett? Jekk kienx xtrahom għall-użu personali tiegħu jew li kien ngħata l-flus minn ħbiebu biex jixtri l-pilloli għalihom. Ix-xhud wieġeb a fol 114 illi kien xtara l-pilloli hu u wara kienu tawh il-flus ħbiebu.

Xehdet Chantelle Aquilina Probation Officer li qalet li l-imputat kien niżel Malta biex jara lill-familjari tiegħu u li bħal issa huwa kellu xogħol fuq livell maniġerjali. Huwa ma kienx jagħmel użu mid-droga u dan kien f’kuntest speċjali u li ma kinitx rikbitu f’ħajtu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-imputat huwa akkużat primarjament li biegħu u ttraffika d-droga ecstasy. Il-Qorti qed tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni għar-raġunijiet segwenti:

(i) Mill-istqarrija ta’ l-imputat a tempo vergine (ara fol.7) jirriżulta li

(a) kien l-imputat li xtara l-pilloli meta kien fil-festa ta’ tal-Pieta’;
(b) li ma kellu ebda problema ta’ l-ecstasy għaliex meta kien ħa qabel kienet one-off;
(ċ) li kien biegħ minn dawn il-pilloli waqt li kien fil-party għalkemm dawn il-pilloli kienu intiżi biex jintużaw personalment biss;
(d) li dawn inbiegħu bil-prezz ta’ Lm4 jew Lm5;
(e) li kien hu li qassam fost sħabu bejn tnax u tlettax-il pillola;
(f) Bejn Lm25 u Lm26 li sabu l-Pulizija kienu ġew mill-bejgħ tal-pilloli.

(ii) Mix-xhieda ta’ PC 396 Saviour Baldacchino u PC 1116 Timothy Zammit jirriżulta li dawn kienu flimkien meta saret it-tfittxija fuq l-imputat u nstabu t-8 pilloli ecstasy kif ukoll il-flus. Huma kienu rawh saħansitra propju fil-mument meta kien ser jagħti l-pillola ecstasy lil waħda tfajla li kellha ħames liri f’idejha. Ukoll jekk dan il-bjegħ kien frustrat, dan kien tentattiv ta’ bejgħ u fil-Kap 101, it-tentattiv ta’ bejgħ huwa punit l-istess daqs li kieku r-reat kien ikkunsmat. (Ara artikolu 22(5) tal-Kap 101 u 120(4) tal-Kap 31).

Il-Qorti mhix konvinta li dan kien xi każ ta’ sharing kif ipprova jgħid l-imputat waqt li kien qed jixhed. Huwa fil-fatt biegħ l-ecstasy lil dawk li ddeskriva bħala ħbieb tal-ħbieb u li daħħal il-flus ukoll. Dan sar bla ma ħadd sfurzah jagħmel hekk.

Għalhekk quddiem provi daqshekk ċari ta’ bejgħ ta’ ecstasy, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni jirriżulta li l-imputat lanqas biss kien xi persuan li jieħu d-droga regolarment. Ex admissis kien xtara xi 25 ecstasy u qassam jew biegħ minnhom. Il-

fatti u n-numru juru li l-imputat kellu pussess ta’ ecstasy li ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Isegwi li l-Prosekuzzjoni ippruvat it-tieni imputazzjoni u għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni wkoll.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolament 3(1) ta’ l-Avviż Legali 22 tal-1985, l-artikoli 40A, 120(1)(a), 120(2)(b)(i)(ii), 120(1B) tal-Kap 31 issib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotta kontrih b’dan pero’ li t-teini imputazzjoni hija ssorbita fl-ewwel waħda u qed tikkundannah għall-piena ta’ priġunerija ta’ sitt xhur li minnha għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest minħabba dan ir-reat kif ukoll għall-ħlas ta’ E 465.87 (erba’ mija u ħamsa u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċentimes) liema multa tista’ titħallas b’rata ta’ E116 kull xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum.

Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din tinbidel f’jum priġunerija skond ir-rata prevalenti fil-Liġi (bħal issa 11.65 Euros).

Il-Qorti tordna l-konfiska ta’ Lm26 (E60.56)(parti mill-flus depożitati) li skond l-imputat kienu dħul magħmul mill-bejgħ tad-droga.

Ai termini ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż ta’ l-esperti li jammonta għal Lm117.41 (Euros 273.49).

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------